Primary HealthCare

Stqarrija għall-Istampa

# Għeluq Temporanju taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira

Mill-14 ta' Mejju 2020, iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira se jagħlaq il-bibien tiegħu biex jagħmel bidu għat-triq tal-programm ta' immodernizzar u irrinnovament maġġuri, liema proġett se jkun iffinanzjat parzjalment mil-grant mogħti lill-Primary HealthCare Primarja mill-Fond Soċjali għall-Iżvilupp Nazzjonali (NDSF) f'Mejju 2019. Il-proġett kollu huwa mistenni li jkun lest fl-2021.

Għaldaqstant, mill-15 ta' Mejju 2020 sakemm jinħareġ avviż ieħor, ir-residenti tal-Gżira u l-lokalitajiet tal-madwar li bħalissa qed jinqdew miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira ser ikunu jistgħu jkomplu jirċievu numru ta' servizzi minn sit temporanju li jinsab ftit passi 'l bogħod miċ-Ċentru tas-Saħħa fi Triq San Albert stess. Dan is-sit temporanju kien possibbli permezz tal-assistenza tal-Kunsill Lokali tal-Gżira.

Is-sit temporanju jkunu miftuħ mit-Tnejn sal-Ħadd u ser iżomm l-istess ħinijiet tal-ftuħ taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira, filwaqt lis-servizzi li ser jingħataw jinkludu:

(1) Is-Servizz tat-Tabib
(2) Is-Servizz tal-Infermiera
(3) Il-Tehid tad-Demm
(4) Il-Klinika tal-*Point of Care*
(5) Il-Klinika tar-Reviżjoni tar-Riżultati Mediċi (sospiż temporanjament minħabba s-sitwazzjoni COVID-19)
(6) Il-Klinika tad-Dijabete (sospiż temporanjament minħabba s-sitwazzjoni COVID-19)
(7) It-Treatment Room
(8) Il-Kura tal-Feriti

Is-Servizzi l-oħra kollha li normalment ikunu disponibbli abbażi ta' appuntament se jkunu disponibbli miċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Furjana, ta' B'Kara u tal-Mosta. Il-*Client Support Centre* tal-Primary HealthCare ser ikun qed jikkoordina dawn l-appuntament, u l-pazjenti ser jiġu mgħarrfa bl-appuntament tagħhom permezz tat-telefon u ta' SMS.

F'każ ta' bżonn ta' iktar informazzjoni, inti ġentilment mitlub/a iċċempel il-*Client Support Centre* tal-Primary HealthCare fuq **21231231** jew **21222444.**